**Kunsill Reġjonali Għawdex**

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Reġjonali Għawdex Nru 119/2023**

**Il-Ħamis, 22 ta' Ġunju, 2023**

**Il-Kunsill Reġjonali Għawdex iltaqa' ġewwa s-Sala Saverio Cassar fl-uffiċċju tal-Kunsill Reġjonali. Il-laqgħa bdiet fis-7:00pm.**

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr Samuel Azzopardi | President |
| Is-Sur Josef Schembri | Kunsill Lokali tar-Rabat, *Città Victoria* |
| Is-Sur Aaron Agius | Kunsill Lokali tax-Xagħra |
| Is-Sur David Apap Agius | Kunsill Lokali l-Għarb |
| Is-Sur Paul Buttiġieġ | Kunsill Lokali tal-Qala |
| Is-Sur Eucharist Camilleri | Kunsill Lokali n-Nadur |
| Dr Marlene Cini | Kunsill Lokali taż-Żebbuġ |
| Is-Sur Damien Spiteri | Kunsill Lokali tal-Munxar |

**ASSENTI B'APOLOĠIJA (SKONT ORDNI PERMANENTI 14A (3)):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Saviour Borg | Kunsill Lokali tal-Fontana |

**ASSENTI:**

| | |
|---|---|
| Dr. Daniel Attard | Kunsill Lokali l-Għasri |
| Is-Sur Mario Azzopardi | Kunsill Lokali ta' Kerċem |
| Is-Sur Kevin Cauchi | Kunsill Lokali ta' Għajnsielem |
| Is-Sur Noel Formosa | Kunsill Lokali ta' San Lawrenz |
| Is-Sur Hubert Saliba | Kunsill Lokali tax-Xewkija |
| Is-Sur Philip Vella | Kunsill Lokali Sannat |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sinjura Rita Mifsud Attard | Segretarju Eżekuttiv |

**Minuti**

Il-President, Dr.Samuel Azzopardi ippresjeda l-Laqgħa.

**119.1 Talba**

119.1.1 Il-Laqgħa bdiet billi ntqalet it-talba tal-bidu.

**119.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

119.2.1 Il-President preżenta l-minuti tal-laqgħat 118 li ġew iċċirkolati minn qabel u għaldaqstant, ġew ikkunsidrati bħala moqrija.

119.2.2 Is-Sindku tal-Fontana, is-Sur Saviour Borg talab (bil-miktub) sabiex tiġi annessa mal-minuti numru 118 l-email li hu irċieva mingħand il-Kappillan tal-Fontana fejn hu ġie nformat li politikanti u membri tal-Kunsill mhumiex ser ikunu mistiedna uffiċċjalment biex jattendu il-Pontifikal. Din it-talba ġiet milqugħa u għalhekk din l-email ser tiġi annessa mal-minuti numru 118. Il-membri approvaw l-minuti b'dan id-dokument anness.

**119.3 Komunikazzjoni tal-President**

119.3.1 Il-President informa lill-membri preżenti li ser tiġi organizzata Laqgħa Plenarja tar-Reġjun fejn jiġu mistiedna diversi uffiċċjali. Il-President issuġġerixxa li din tkun avveniment li tikkommemora t-tletin anniversarju mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali u jkunu mistiedna l-kunsilliera kollha (dawk tal-passat u dawk preżenti). Issuġġerixxa wkoll li tingħata tifkira lil dawk il-persuni li kienu fil-Kunsill. Waqt il-laqgħa il-maniġers jagħtu rendikont tax-xogħol tagħhom. Wara ssir ikla għal dawk preżenti.

119.3.2 Il-President informa lill-membri preżenti li dawk il-Kunsilli li ser japplikaw sabiex jwaħħlu CCTV's fil-lokalitajiet tagħhom permezz ta' Ċirkulari SPI/SCI/04/2023 Skema Finanzjarja – Komunitajiet Aktar Siguri u Organizzati għandhom japplikaw individwalment sabiex kull Kunsill ikun jista' jingħata l-fondi fit-total tiegħu. Is-Sindku tal-Għarb, is-Sur David Apap u s-Sindku tax-Xagħra, s-Sur Aaron Agius wrew l-interess tagħhom li jieħdu sehem flimkien mal-lokalitajiet ta': il-Qala, il-Munxar, Ta' Kerċem, Għajnsielem, in-Nadur, ta' Sannat, iż-Zebbuġ u l-Fontana sabiex issir talba kollettiva għas-servizzi (tal-internet u tal-Enemalta) bi prezz imnaqqas relatat ma' dawn ic-CCTVs.

.

119.3.3 Il-President, Dr. Samuel Azzopardi irċieva korrispondenza mingħand il-President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar kampijiet tas-Sajf għat-tfal Ukreni 2023. Din hija xi ħaġa li l-President jixtieq jagħmel bl-għajnuna tal-Kunsilli Lokali Għawdxin. Din hija opportunita biex numru ta' tfal Ukreni jingħataw opportunita ta' programmi edukattivi u rikreattivi barra mill-ambjent ta' gwerra li qegħdin jgħixu fih. Ir-Reġjun waħdu ma jistax iwettaq din l-inizzjattiva u għalhekk qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsilli Lokali. Dan jista jinkludi akkomodazzjoni, programmi ta' divertiment, eċċ. Kien hemm diskussjoni u kien hemm min wera nteress li jgħin. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat email dwar dan lill-Kunsilli Lokali kollha.

**119.4 Korrispondenza**

119.4.1 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand il-*Human Rights Directorate* dwar attivita' "ANTI-RACISM" li ser tiġi organizzata f'Għawdex f'Ottubru. L-attivita ser tkun

diskussjoni bejn tlieta sa ħames persuni (panel). Huma talbu l-għajnuna tar-Reġjun biex issibu post adekwat u affarijiet għall-kafe.

119.4.2 Ir-Reġjun irċieva email mingħand is-Sinjura Lianne Cassar ta' The Malta Trust Foundation dwar il-proġett "Your Device Your Right". Dan huwa proġett fejn il-Kunsilli Lokali jilqgħu fil-Kunsilli tagħhom laptops użati iżda f'kundizzjoni tajba mir-residenti tagħhom biex dawn jitqassmu lill-persuni żvantaġġjati. Ir-Reġjun kien aċċetta li jgħin f'din l-inizjattiva permess tad-diżinn u stampar ta' flyers. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibda l-proċess biex din il-flyer tiġi ddisinjata.

119.4.3 Ir-Reġjun irċieva risposta mingħand il-President tal-AKL, is-Sur Mario Fava dwar it-talba tar-Reġjun (f'isem il-lokalitajiet tal-Munxar u taż-Żebbuġ) biex ikun hemm ġbir ta' skart addizzjonali f'dawn il-lokalitajiet. Is-Sur Fava informa ma jaqbilx ma' din it-talba u qed jissuġġerixxi aktar infurzar. Is-Sur Mario Fava ser ikun qed jagħmel laqgħat mal-LESA sabiex issir aktar infurzar f'dawn il-lokalitajiet. Is-Sindku taż-Zebbuġ, Dr. Marlene Cini talbet biex ir-Reġjun jieħu azzjoni fuq din il-problema. Il-President qal li r-Reġjun ma jista jagħmel xejn iżjed ħlief li jibgħat reminder lill-ministri kkonċernati.

119.4.4 Il-President, Dr. Samuel Azzopardi irċieva korrispondenza mingħand il-President tal-Kumitat Ewropew tar-Reġjuni dwar kampijiet tas-Sajf għat-tfal Ukreni 2023. Din hija xi ħaġa li l-President jixtieq jagħmel bl-għajnuna tal-Kunsilli Lokali Għawdxin. Din hija opportunita biex numru ta' tfal Ukreni jingħataw opportunita ta' programmi edukattivi u rikreattivi barra mill-ambjent ta' gwerra li qegħdin jgħixu fih. Ir-Reġjun waħdu ma jistax iwettaq din l-inizzjattiva u għalhekk qed jitlob l-għajnuna tal-Kunsilli Lokali. Dan jista jinkludi akkomodazzjoni, programmi ta' divertiment, eċċ. Kien hemm diskussjoni u kien hemm min wera nteress li jgħin. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat email dwar dan lill-Kunsilli Lokali kollha.

119.4.5 Il-Membri preżenti ġew imfakkra dwar l-attivitajiet li qed jiġu organizzati fl-okkażżjoni tal-għeluq it-30 sena tal-Kunsilli Lokali. Dawn jinkludu quddiesa ta' ringrazzjament u riċeviment nhar il-Ġimgħa 30 ta' Ġunju 2023, fil-Konkatidral ta' San Gwann fil-Belt Valletta, kif ukoll Gala Dinner ġewwa l-Barrakka ta' Fuq il-Belt Valletta nhar is-Sibt 22 ta' Lulju, 2023.

119.4.6 Ir-Reġjun irċieva korrispondenza mingħand il-Monitoring and Support Unit fi ħdan id-Diviżjoni tal-Gvern Lokali dwar in-nuqqas ta' live streaming waqt il-laqgħat tar-Reġjun. Ir-Reġjun ħa nota ta' dan u ser jara dwarha.

**119.5 <u>Vakanzi ta' Uffiċjal Inkarigat mill-Immaniġġjar tal-Proġetti u Uffiċjal tal-Kultura fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Għawdex.</u>**

119.5.1 Il-Kunsill Reġjonali Għawdex irċieva r-riżenja tal-Uffiċjal tal-Kultura u għalhekk issa hemm żewġ vakanzi fil-Kunsill Reġjonali Għawdex. Dawn iż-żewġ karigi għandhom impenji kbar. Il-membri preżenti approvaw li toħroġ sejħa għall-kariga ta' Uffiċjal tal-Kultura. Il-vakanza tal-Uffiċċjal inkarigat mill-Immaniġġjar tal-Proġetti diġa ħarġet internament. Il-Kunsill Reġjonali Għawdex jiddikjara li għandu biżżejjed fondi għal dawn il-karigi.

119.5.2 Il-President informa lill-membri preżenti li hemm bżonn li jinħatar bord ta' evalwazzjoni sabiex jiġu evalwati l-applikazzjonijiet għal dawn iż-żewġ karigi. Hu staqsa jekk hemmx membri preżenti li jaċċetaw li jkunu fuq il-bord tal-għażla. Kien hemm minn dawk preżenti li rrifjutaw din il-kariga. Is-Sindki s-Sur David Apap Agius u S-Sur Damien

Spiteri aċċettaw din il-kariga flimkien mal-President. Is-Segretarju ta’ dan il-bord hija s-Segretarja Eżekuttiva Rita Mifsud Attard.

**119.6 Materji oħra.**

119.6.1 Is-Sindki tal-Għarb u x-Xagħra lmentaw li l-ġbir ta’ skart qed jibda aktar kmieni fil-ħin minn dak stipulat fil-kuntratt. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tibgħat lil-Kuntrattur dwar dawn l-ilmenti.

119.6.2 Il-Viċi Sindku tan-Nadur, Eucharist Camilleri qal li dwar il-kwistjoni tal-inviti għall-quddiesa tal-Pontifikal, fin-Nadur il-Kunsilliera kif ukoll il-Membri Parlamentari ġew mistiedna. Dan għaliex l-Isqof ħalla din il-materja fid-diskrezzjoni tal-Arċiprieti u Kappillani tal-lokalitajiet rispettivi.

119.6.3 Is-Sindku tal-Għarb, Is-Sur David Apap Agius ilmenta li t-tranġar tal-bozoz qed idum ħafna u li għandu madwar 12 il-bozza mhux tixgħel. Fakkar li fil-jiem li ġejjin hemm il-festa fl-Għarb. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tiġbed l-attenzjoni lill-Kuntrattur inkarigat.

119.6.4 Is-Sindku tal-Munxar, Is-Sur Damien Spiteri ilmenta li r-*roundabouts* fit-toroq arterji mhux qed jinżammu fi stat tajjeb. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tinforma lid-Direttur responsabbli minn dawn ir-roundabouts fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex dwar dan. Is-sur Spiteri qal ukoll li huma applikaw għall-iskema tal WIFI4U u suppost qed jieħdu *refund* tal-kontijiet iżda dawn m’huma qed jirċievu ebda fondi. Is-Segretarja Eżekuttiva għandha tibgħat lid-Divijoni għall-Gvern Lokali dwar dan.

119.6.5 Is-Sindku tal-Qala, s-Sur Paul Buttigieg qal li fejn hemm il-Bring-in-Sites, issa li għandhom il-kameras m’hemmx problemi. Is-Sindki l-oħra lmentaw li fejn qabel kien hemm is-servizz tal-*Bring In Sites* tal-Green Pak u issa qiegħed f’idejn il-Green MT l-cameras m’għadhomx jaħdmu.

**119.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskedi ta’ pagamenti**

119.7.1 Fuq proposta tal-President, ġiet approvata l-iskeda tal-pagamenti 132 li kienet tammonta għal €252,024.34

**119.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-Seduta li jmiss**

119.8.1 Il-Laqgħa ntemmet fit-8.30 ta’ filgħaxija u ġiet aġġornata għal Ħamis 20 ta’ Lulju fis-6 ta’ filgħaxiia.

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATI** | **IFFIRMATI** |
| ____________________ | ____________________ |
| Dr. Samuel Azzopardi | Rita Mifsud Attard |
| President | Segretarju Eżekuttiv |